

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-18 ta' Mejju 2015 – Pohjanmäki vs Il-Kunsill**

(Kawża F-44/14) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Eżami komparattiv tal-merti — Rwoli rispettivi tal-Awtorità tal-Ħatra u tal-KKP — Assenza ta' rapporti ta' evalwazzjoni — Nuqqas ta' konsultazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni mill-membri tal-KKP — Kompatibbiltà tal-funzjonijiet ta' relatur fi ħdan il-KKP u l-ex evalwatur — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Anzjanità fil-grad — Livell ta' responsabbiltajiet eżerċitati — Dmir ta' premura)*

(2015/C 213/71)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Jaana Pohjanmäki (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer, E. Rebasti u M. Veiga, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li r-rikorrenti ma tiġix promossa għall-grad AD 13 u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni morali allegatament subiti.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) J. Pohjanmäki għandha tbat i nofs l-ispejjeż tagħha.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbat i nofs l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati nofs l-ispejjeż sostnuti minn J. Pohjanmäki.

<sup>(1)</sup> ĠU C 212, 07.07.2014, p. 46.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Mejju 2015 – Brune vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-59/14) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/26/05 — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Annullament mill-Qorti Ġenerali — Artikolu 266 TFUE — Organizzazzjoni ta' eżami orali ieħor — Rifjut tal-kandidat milli jipparteċipa f'dan l-eżami — Deċiżjoni ġdida li l-kandidat ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva — Rikors għal annullament — Ċaħda — Konferma fl-appell tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali — Talba għal kumpens ulterjuri — Osservanza tat-terminu raġonevoli)*

(2015/C 213/72)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Markus Brune (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Mannes, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti, B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-kumpens għad-danni allegatament imġarrba minħabba t-telf ta' opportunità tar-rikorrent għal impjieg fl-UE, ibbażata fuq is-sentenza fil-Kawża F-5/08.

**Dispożittiv tas-sentenza**

- 1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil M. Brune, għad-dannu morali mġarrab bejn is-6 ta' Marzu 2007 u l-4 ta' Frar 2011, is-somma ta' EUR 4 000, flimkien mal-interessi moratorji mis-17 ta' April 2013 bir-rata ta' taxxa stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali tar-rifinanzjament għall-perijodu rilevanti u miżjuda b'żewġ punti perċentwali.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatli l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata li tbatli n-nofs tal-ispejjeż ta' M. Brune.
- 4) M. Brune għandu jbatu n-nofs tal-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 431, 1/12/2014, p. 48.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-55/15)

(2015/C 213/73)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi u A. Tymen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, prinċipalment, sa fejn hija nehiet lir-rikorrent il-benefiċċju tal-allowance ta' espatrijazzjoni, favur l-allowance tar-residenza barra mill-pajjiż, u, sussidjarjament, sa fejn ordnat l-irkupru ta' somom allegatament indebitament imħallsa kif ukoll il-kumpens għad-danni morali u materjali subiti.

**Talbiet**

- Prinċipalment, jannulla d-deċiżjoni tat-18 ta' Lulju 2014, sa fejn hija nehiet lir-rikorrent il-benefiċċju tal-allowance ta' espatrijazzjoni, favur l-allowance tar-residenza barra mill-pajjiż, retroattivament mill-1 ta' Lulju 2009;
- sussidjarjament, jannulla d-deċiżjoni tat-18 ta' Lulju 2014 sa fejn ordnat l-irkupru ta' somom allegatament imħallsa indebitament;
- jannulla d-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2015, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent tat-12 ta' Settembru 2014, jekk ikun meħtieġ, u fi kwalunkwe każ, b'mod iktar sussidjarju, sa fejn tirrifjuta li tnaqqas l-ammonti ta' kull xahar miġbura skont l-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal;